MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.
ELLUL ANTHONY**

Seduta ta' 27 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1375/2001/1

**Dingli Co International Limited
bhala mandatrici tas-socjeta estera
ta' The Performing Right Society
Limited ta' Londra**

**Vs**

**John Formosa**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas ta' hamsa u disghajn lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm95.45) kwantu ghal Lm83 royalty u Lm12.45 Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja numru 8971 rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Frangul Hall, ghall-perjodu mis-6 ta' Mejju 2001 sal-5 ta' Mejju 2002.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jikkontesta l-kawza u milli jidher ghas-seduti.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici tikkonferma l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hamsa u disghajn lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm95.45), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez (mhux inkluzi dawk ta' l-avukat) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**